MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-25 ta' Frar, 2013

Avviz Numru. 336/2012

**John Spiteri (ID 339468M) u Roanne Spiteri (543973M)**

**vs**

**Petra Nemet ( 57566A) u Nico Leonhardt (Passaport Germaniz 2499387266)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Ottubru 2012 fejn l-atturi talbu lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallasuhom s-somma ta' erbat elef u hames mitt Euro (€4,500) rapprezentanti kera u elettriku fuq il-fond hamsa (5), Ta' Maxku, Sqaq Numru Wiehed (1), Mosta Road, Attard u l-garage li jgib l-indirizz sengha (7), Sqaq Nurmu wiehed (1), Mosta Road, Attard,.

Bl-ispejjez tal-presenti kif ukoll tal-Mandat ta' sekwestru ippresentat kontetwalment u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma ingunti in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew imwahhla fl-ghassa tal-pulizija ta' H'Attard, w il-Kunsill Lokali ta' H'Attard u fil post gewwa Attard, fil wiehed u ghoxrin ta' Dicembru 2012, u dan skond ir-riferti posittivi tal-Purtier Charles Buttigieg datati 21 ta' Dicembru 2012 (fol 18 tergo).

Rat illi il-konvenut gie ukoll notifikat b'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-8 ta' Jannar 2013 (fol. 19) u fil-gazzetti lokali The Malta Independent fl-4 ta' Jannar 2013 (fol 24).

Illi fis-seduta tal-1 ta' Frar, 2013 l-atturi pprezentaw kapitolu fil-konfront tal-konvenuta Petra Nemet filwaqt illi Niko Leonhard talab differiment sabiex jirregola ruhu (fol 28).

Rat illi fis-seduti tat-22 ta' Frar 2013 il-konvenuta Petra Nemet giet imsejjha izda ma deheritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni u l-intimat Niko Leonhardt ma ippresenta ebda eccezzjonijiet.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal-atturi jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess atturi tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma ta' erbat elef u hames mitt Euro (€4,500), kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-ispejjez tal-presenti kif ukoll tal-Mandat ta' sekwestru ippresentat kontetwalment u bl-imghax bi tmienja fil-mija mid-9 ta' Ottubru 2012 sad-data tal-**

**pagament effettiv kontra l-konvenuti in solidum bejniethom.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------